

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 72(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2020 – Team Beverage vs EUIPO – Zurich Deutscher Herold Lebensversicherung (Team Beverage)**

(Kawża T-359/20)

(2020/C 255/36)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Team Beverage AG (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch, N. Willich u N. Achilles, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Zurich Deutscher Herold Lebensversicherung AG (Bonn, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuža kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni "Team Beverage" – Applikazzjoni għal-reġistrazzjoni Nru 17 665 704

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2020 fil-Każ R 2727/2019-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikoli 18 u 47 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill flimkien mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2020 – El Corte Inglés vs EUIPO – Europull (GREEN COAST)**

(Kawża T-361/20)

(2020/C 255/37)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. L. Rivas Zurdo, avukat)

*Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Europull Srl (Carpi, l-Italja)*

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġeneral*

*Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva GREEN COAST – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 14 936 694*

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1555/2019-4*

### **Talbiet**

*Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn billi tħieb l-appell tar-rikorrenti hija tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni Nru 13 595 C, li tilqa' t-talba għal annullament, u tikkonferma l-invalidità tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Nru 14 936 694 GREEN COAST, għal prodotti fil-klassi 25.
- tikkundanna lill-parti jew lill-partijiet li jopponu dan ir-rikors għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Id-deċiżjoni kkontestata tikser id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-prova tad-dritt preċedenti (trade mark Taljana li l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tagħha għandha n-Nru MO1997C000283 u hija mniżżla fir-reġistru bin-Nru 0001247661), essenzjalment sa fejn fil-punt 22 ta' din id-deċiżjoni, il-Bord tal-Appell iqis li din il-prova kienet ġiet prodotta, u sa fejn fil-punti 15 sa 21, hija tesponi l-elementi prinċipali li jippermettulha li tasal għal din il-konklużjoni.
- Ksur tal-Artikolu 12(2)(a) kif ukoll tal-Artikolu 2(2)(b)(i) li għaliex jirreferi l-artikolu preċedenti, kif ukoll, b'analoga, tal-Artikolu 7(2)(ii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625.
- Ksur tal-Artikolu 18(1)(a) u tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

### **Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2020 – Acciona vs EUIPO – Agencia Negociadora PB (REACCIONA)**

**(Kawża T-362/20)**

**(2020/C 255/38)**

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

### **Partijiet**

*Rikorrenti: Acciona, SA (Alcobendas, Spanja) (rappreżentant: J. C. Erdozain López, avukat)*

*Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Agencia Negociadora PB, SL (Las Rozas, Spanja)*

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Qorti Ġeneral*

*Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark verbali REACCIONA –Trade mark tal-Unjoni Nru 8 605 578*